**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR L- ERBGHA, 24 TA' OTTUBRU, 2001

**Numru: 6**

**Avviz Nru: 522/01 AE**

**John Abela Ltd**

**Vs**

**Gollcher Co Ltd bhala Agenti ta' Grimaldi Spa u The Cargo Handling Co. Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici qeghda titlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuha s-somma ta' mija u hamsa u sebghin

lira Maltija (Lm175) hlas dovut ghal hsara li saret fuq trailer tas-socjeta attrici, liema hsara tikkonsisti f'incirata mqatta' u hadid mghawweg.

Ra r-risposta prezentata mis-socjeta konvenuta Gollcher Co Ltd (fol. 9) li permezz taghha eccepiet:

1. Illi l-attur iddekada mid-drittijiet tieghu billi ghaddiet iktar minn sena mid-data tal-konsenja tat-trailer u l-prezentata tal-proceduri.

2. Illi s-socjeta konvenuta m'hijiex responsabbli ghad-danni.

3. Li kwalunkwe danni li talvolta tista' tkun responsabbli ghalihom is-socjeta konvenuta ghandhom jigu kwantifikati u limitati a tenur tal-kondizzjonijiet tal-gar kif inkorporati fil-polza ta' karigu relattiva.

Ra r-risposta prezentata mis-socjeta konvenuta Cargo Handling Co Ltd (fol. 16) u li permezz taghha eccepiet li:

1. In-nullita tat-talba attrici ghat-tenur ta' l-Artikolu 789 tal-Kap. 12 ta' Malta in kwantu hija parzjalment indecifrabbli u b'hekk ma fihiex tifsira cara u sewwa tar-raguni tat-talba kontra s-socjeta eccipjenti a tenur ta' l-Artikolu 156(1)(a).

2. It-talbiet attrici huma nsostenibbli stante li s-socjeta attrici hija inadempjenti a tenur ta' l-Artikolu 65 tal-Kap. 352 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Jinkombi fuq is-socjeta attrici li tipprova li l-allegati danni sehhew waqt li t-trailer kien fil-kontroll effettiv u supervizjoni assoluta tas-socjeta eccipjenti u li l-istess container gie konsenjat lilha minghajr l-istess danni.

4. It-talbiet attrici huma ntempestivi u s-socjeta konvenuta m'ghandhiex tbati spejjez.

5. L-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk kontestat.

Ra l-atti tal-kawza.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet.

Ra l-verbal tas-seduta tas-16 ta' Ottubru 2001 li permezz tieghu l-kawza giet differita ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

1. L-ewwel eccezzjoni li giet sollevata mis-socjeta konvenuta Gollcher Co Ltd, din giet irtirata fis-seduta tal-5 ta' Settembru 2001. Ghalhekk it-Tribunal qieghed jastjeni li jiehu konjizzjoni ta' din l-eccezzjoni.

2. Fit-2 ta' Lulju 2001 wasal f'Malta l-vapur Lince. Abbord dan il-vapur kien hemm trailer (numru TR 077) propjeta tas-socjeta attrici.

3. Is-socjeta attrici pprezentat polza ta' karigu (Dok. CA1) [fol. 22]. Dan id-dokument jirrispekja l-kondizzjoni tal-merkanzija fil-mument meta tghabbiet fuq il-vapur.

4. Mit-*tally sheet* li giet prezentata mis-socjeta konvenuta Gollcher Co Ltd (Dok. HN1) [fol. 30] jirrizulta li meta t-trailer gie zbarkat minn fuq il-vapur li kellu parti mit-tinda mqatta'. Fil-kawza **Leslie Causon nomine vs Godwin Abela nomine** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-22 ta' Ottubru 1998 inghad li: *"it-tally sheet hija bla rimarka u din darba tkun maghmula minn tally clerk awtorizzat skond il-ligi hija prova tal-kontenut taghha sakemm dina tigi attakkata b'success bi prova kuntrarja* [ara **Camilleri vs Abela et**, Appell Kummerc 3/12/1991)".

5. Gie wkoll prezentat il-Gate Pass Out (fol. 23) fejn jinghad ***"Received the goods in good order and condition with the following exceptions:- Side Damaged"***.

6. Is-socjeta attrici qeghda tikkontendi li l-hsara kienet tikkonsisti f'ticrita fit-tinda tal-kanvas kif ukoll li parti mill-hadid tat-trailer tghawweg.

7. Mill-provi rrizulta li s-socjeta Gollcher Company Limited hija agent tal-kumpannija estera Grandi Traghetti S.p.A di Navigazione (ara fol. 27). Fil-polza ta' karigu li giet prezentata mis-socjeta attrici l-*carrier* huwa ndikat bhala "Grandi Traghetti S.p.A. Di Navigazione".

Min-naha l-ohra dawn il-proceduri gew intavolati kontra **Gollcher Co Ltd bhala agent ta' Grimaldi S.p.A.**

8. Is-socjeta Gollcher Co Ltd hija biss agent tal-principal taghha, li fil-kaz in kwistjoni kienet il-kumpannija Grandi Traghetti S.p.A. Di Navigazione u li m'hijiex parti f'dawn il-proceduri. Ma jirrizulta minn imkien li l-kumpannija Grimaldi S.p.A. assumiet xi responsabbilta ghall-garr ta' merkanzija fuq il-vapur Lince. It-Tribunal ma jistax minn jeddu jordna li jkun hemm bdil fil-partijiet li qeghdin fil-kawza. Skond l-Artikolu 7 ta' l-Avviz Legali 145 ta' l-1995 il-partijiet fi proceduri quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ghandhom il-fakolta li jitolbu l-awtorizazzjoni tat-Tribunal sabiex jordna tibdil fil-kontenut tat-talba u/jew risposta. Tul il-kors tal-proceduri ma saret ebda talba f'dan is-sens. In vista tal-premess is-socjeta konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju billi ma jirrizultax li hija responsabbli ghall-hsara riskontrata fil-propjeta tas-socjeta attrici.

9. Fir-rigward tas-socjeta konvenuta The Cargo Handling Co Ltd, mill-provi ma rrizultax li saret xi hsara fuq it-trailer propjeta tas-socjeta attrici meta dan kien taht il-kustodja ta' l-istess socjeta. Mill-provi rrizulta ampjament li t-trailer kellu diga' l-hsara meta gie zbarkat minn fuq il-vapurt u ghalhekk The Cargo Handling Co Ltd m'ghandha ebda responsabbilta ghal dak li gara.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed ghar-ragunjiet fuq imsemmija jilqa' t-tieni eccezzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta u jillibera mill-osservanza tal-gudizzju lis-socjeta Gollcher Co Ltd bhala agent ta' Grimaldi S.p.A. Qieghed ukoll jichad it-talba tas-socjeta attrici in kwantu din hija diretta fil-konfront tas-socjeta The Cargo Handling Co Ltd. Salv u mpregudikat kwalsiasi dritt iehor li s-socjeta attrici jista' jkollha fil-ligi.

Bl-ispejjez (skond ma jipprovdi l-Artikolu 10 tal-Kap. 380) kontra s-socjeta attrici.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**